MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10

Il-Hamis 27 ta' Lulju 2017

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1  Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara  fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Paul Bongailas  - Kunsillier
Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Il-Kunsilliera s-Sinjura Maria Sultana

**ASSENTI**

***Ma Kienx hemm***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

## 10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sinjura Maria Sultana (Kunsilliera) ġiet skużata minħabba li kienet imsiefra

## 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**10.2.1** Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f 'Gunju 2017.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsillier Pawlu Bongailas.

## 10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

**10.3.1** Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar Ħarġa Kulturali li ser tkun qed torganizza f'isem il-Kunsill Lokali Kalkara aktar tard f'Settembru 2017 f'Għawdex għal anzjani u l-familja

**10.3.2** Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi ser tkun qed tiċċekja mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fir-rigward l-injezzjoni tal-influwenza biex la darba ikollna gwida jibdew il-preparamenti neċesarji bħal kull sena biex ir-residenti jkunu jistgħu jibdew jibbukjaw bħas-soltu.

10.3.3 Is-Sinjura Chircop ikkonfermat l-attivitajiet kollha li ser ikunu qegħdin isiru waqt l-attivita' ta' Puttinu nhar il-Ġimgħa 27 ta' Lulju 2017, fix-Xatt tal-Kalkara. Dawn jinkludu:

- Wirjiet
- Kantanti famużi Maltin
- Wirja ta' karozzi
- Band
- Bouncy castles u ħafna oħrajn

Is-Sindku nfurmat il-Kunsill illi għal din il-ġurnata 'Esplora' ser ikun qiegħed idum miftuh sad-9 ta' filgħaxija għal benefiċċju tal-Pubbliku wkoll.

10.3.4 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar ilment mir-residenti li joqgħodu fl-inħawi ta' Triq San Leonardu fejn iċ-Ċimiterju tal-Ingliżi fejn dawn qed jitolbu linji sofor fil-kantuniera minhabba illi qed ikun hemm minn jipparkja ħażin u joħloq periklu għas-sewwieqa li jkunu ġejjin minn naħa ta' fuq ta' l-istess Triq.

Dan l-ilment / suġġeriment ser ikun qiegħed jintbgħat lil TM bħas-soltu għall gwida / approvazzjoni minn naħa tagħhom.

10.3.6 a Is-Sinjura Speranza Chircop saħqet illi hemm bżonn jerġa jsir rapport rigward il-'coaches' ipparkjati fit-telgħa ta' Bighi kif ukoll fi Triq il-Missjoni Taljana minhabba li qed jitħallew bil-lejl ipparkjati f'dawn l-inħawi, jaqbżu l-barra mill-parkeġġ kif ukoll jieħdu aktar minn parkeġġ wieħed.

b. Is-Sinjura Speranza Chircop għal darb'oħra ser tkun qed tibgħat email formali lil Dr.Jeffrey Pullicino Orlando rigward il-parkeġġ ta' Esplora li s'issa għadu mhux qed ikun miftuħ għal pubbliku speċjalment meta jkun xi attivita' kbira.

Hafna residenti qegħdin jilmentaw fuq in-nuqqas ta' parkeġġ fl-akkwata tal-Kunsill.

Dan l-ilemnt ser ikun qed jintbgħat lit-TM ukoll biex forsi wieħed ikun jista jagħmel parkeġġi bil-ħin bhal lokalitajiet oħra għal benefiċċju tar-residenti tal-Kalkara jew xi miżura oħra suġġerita minn TM stess biex titnaqqas din il-problema.

Is-Cur Chris Bruno qabel mal-punt issuġerit hawn fuq mis-Sindku u għamel enfażi li din il-kwistjoni trid tissolva mill aktar fiss possibli 'mqar li jiġi approvat parkeġġ residenzjali għal mets biss fejn l-Esplora l-iktar li jkollha viżitaturi. Huwa saħaq ukoll illi tajjeb li kull ilment jinkiteb bil-miktub mir-residenti li qed jagħmlu biex b'hekk ikollna iktar provi ta' ilmenti kollha fuq din il-kwistjoni fejn ikun possibli.

Is-Sur Vince Bongailas talab lis-Seg.Eżek. tagħmel appuntament ma Dr.Jeffrey Pullicino Orlando għal darb'oħra biex hu personali imur ikellmu għal darb'oħra fuq din l-istess problema ta' parkeġġ.

10.3.7 ( Korrispondenza ) Is-Sinjura Speranza Chircop ippreżentat dokument ta' suġġeriment mingħand żgħażagħ maltin li jiffurmaw parti mill-fundazzjoni

‘ Youthme’ fejn dawn l-istess żgħażagħ qegħdin jissuġerixxu tisbiħ għal-bandli tal-Kalkara li jista jsir minnhom stess b’mod volontarju.

Il-Kunsill qabel unanimament ma l-ideat ippreżentati u talbu lis-Seg.Eżek. tkellem lill min hu responsabbli biex b’hekk jinbeda ix-xogħol ta’ tisbiħ fil-bandli tal-Kalkara.

10.3.8 Is-Sinjura Speranza Chircop ippreżentat ittra mibgħuta minn l-Onorevoli Segretarju Parlamentari Silvio Parnis fejn qed jgħarraf il-Kunsill dwar laqgħat formali li ser ikun qiegħed jagħmel ma kull Kunsill biex b’hekk kulħadd ikollu l-opportunita jitkellem dwar il-lokal tiegħu personali.

10.3.9 Is-Sinjura Speranza Chircop għaddiet ilment mibgħut b’email minn residenta fuq żewġ materji differenti:

Suġġeriment biex jitwaħħlu ‘Bike stands’ fi Pjazza Sagra Familja biex studenti li jattendu l-MCAST f’dawk l-inħawi ikollom inċentiv li jiġu bir-rota

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jitwaħħlu l-‘istands’ jekk l-MCAST tkun trid tagħmilhom għas-spejjeż tagħha.

L-istess residenta ilmentat dwar il fatt illi il-bowser tal-ilma li jiġi filgħodu jsaqqi l-inħawi ta’ Triq Patist Borda qiegħed jagħmel ħafna ħsejjes fis-7:00am u qeda tissuġerixxi illi t-tisqijja tibda ssir filgħaxija

Il-Kunsill saħaq illi t-tisqija tal-pjanti għandha tibqa filgħodu fil-ħin tas-7:00am kif dejjem sar fil-passat.

10.3.10 Is-Sinjura Speranza Chircop ippreżentat tweġiba formali ta’ Dr.Jeffrey Pullicino Orlando fuq il-kwistjoni ta’ żieda ta’ camera fil-Kunsill kif kien qiegħed jiġi diskuss f’Seduti preċedenti.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-ispejjeż fir-rigward l-installazjoni tal-kamera għandha tiġi koperta mill-Kunsill.

10.3.11 Is-Sinjura Speranza Chircop għarrfet lill-Kunsill illi bħal kull sena ser ikunu qegħdin jitnaddfu inħawi differenti fil-Kalkara minn tim volontarju li jġib l-isem ta’ ‘Lets do it Malta’.

10.3.12 Is-Sinjura Speranza Chircop għarrfet il-Kunsill dwar deċiżjoni finali ta’ TM fir-rigward ta’ ‘Zebra Crossing’ ġdida fl-inħawi ta’ Ġnien is-Salvatur issuġerita mill-istess Kunsill.

TM ikkonferma illi ħabba raġunijiet varji din mhux ser tiġi approvata wara li kien hemm email tikkonferma li huma ma jsibu l-ebda oġġezzjoni

Il-Kunsill talab lis-Seg.Eżek. tibgħat email formali f'isem il-Kunsill tistaqsi x'kien ġara wara l-konferma pożittiva fuq dan is-suġġett u għal aktar gwida x'wieħed jista jagħmel f'dik l-istess akkwata għal-benefiċċju tan-nies jaqsmu minn hemm.

10.3.13 Is-Sinjura Speranza Chircop għarrfet il-Kunsill dwar kompetizzjoni maħruġa mill-'Waste Serv' li wieħed għandu ċans japplika.

Il-Kunsill qabel unanimament li din l-email għandha tintbgħat lill-NGO's kollha fil-lokal għal informazzjoni tagħhom jekk darba ikun hemm min hu nteressat japplika għal din il-kompetizzjoni bl-isem 'European Week for Waste Reduction'.

10.3.14 Is-Sinjura Speranza Chircop ippreżentat email b-ilment fuq Triq il-Kapuċċini u l-ħmieġ tal-ħamiem f'inħawi partikolari lejn il-ġenb tal-Knisja li dejjem qed jiggrava. Din l-istess persuna bgħatet ritratti ta' ħobż mitfuħ minn nies stess biex jitimgħu l-ħamiem.

Il-Kunsill saħaq illi hemm bżonn terġa tintbgħat ittra ta' notifika lir-residenti kollha fir-rigward li l-ikel lill-ħamiem huwa projbit fil-lokal kollu.

10.3.15 Is-Sinjura Speranza Chircop ippreżentat tweġiba ta' gwida minn naħa ta' TM fuq il-kwistjoni diġa diskussa f'seduta preċedenti rigward 'bollard' li twaħħlet f'passaġġ fi Triq Patri Mattew Sultana.

Il-Kunsill qabel unanimament li din il-'bollard' għandha tibqa mwaħħla fejn qiegħda kif inhi approvata ukoll minn TM minħabba l-abbużi ta' parkeġġ ta' karozzi li jostakolaw l-istess passaġġ.

10.3.16 Is-Sinjura Speranza Chircop ippreżentat email minn naħa tal-MEPA fir-rigward tibdiliet / emendi fi Triq il-Luzzu / Triq il-Ġenista.

Il-Kunsill talab aktar informazzjoni dwar l-emendi imsemmija f'din l-istess email qabel tiġi meħuda deċiżjoni unanima mill-istess Kunsill peress illi m'hemmx dettalji biżżejjed u l-pjanti m'humiex ċari.

10.3.17 Is-Sinjura Speranza Chircop għarrfet il-Kunsill illi ser tkun qed tinbgħat email lill-membri kollha rigward proposti ta' siġġijiet u mwejjed ġodda fil-lokalitajiet kollha ta' Malta biex kull membru jkun jista jgħaddi il-kummenti tiegħu lis-Seg.Eżek. mill-aktar fiss possibli biex wara jintbgħat

kollox lill-A.K.L kif qiegħed jiġi mitlub fl-istess dokument ippreżentat f'din l-istess Seduta.

**10.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**10.4.1 Christopher Bruno – Viċi Sindku**

a Is-Sur Chris Bruno talab il-Kunsill japprova tabella fl-inħawi ta' Triq San Leonardo fejn diġa kien hemm tabella li tindika d-dħul għal lokal tal-Kalkara pero' għal xi raġuni jew oħra din tkissret u tneħħiet mill-istess Kunsill

Il-Kunsill approva din ir-rikjesta u ser tkun qed tiġi ordnata tabella li tindika d-dħul tal-Kalkara kif qiegħed jiġi suġġerit.

B Is-Sur Chris Bruno talab li tintbgħat 'reminder' biex jitneħħa l-ħaxix ħażin fl-inħawi ta' Triq il-Missjoni Taljana lid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika peres li din il-biċċa taqa taħthom.

C Is-Sur Chris Bruno talab li tintbgħat email lit-TM fuq iż-'Zebra Crossing' li kellha ssir fi Triq Santa Liberata in-naħa tal-Knisja tal-Kapuċċini minħabba l-periklu li qed ikunu fih in-nies li jaqsmu kemm għal knisja kif ukoll bit-tfal għad-Duttrina.

**10.4.2 Is-Sur Pawlu Bongailas - Kunsillier**

**A.** Is-Sur Pawlu Bongailas, talab li ssir Laqgħs formali mal-Pulizija rigward affarijiet in ġenerali fil-lokal u d-diffikultajiet li qed insibu. Huwa qal ukoll illi jekk dawn l-ilmenti mhumiex ser tittieħed azzjoni fuqhom tajjeb li wieħed jikkunsidra li bħala Kunsill nagħmlu appuntament mal-Ministru tal-Ġustizzja.

**B.** Is-Sur Palwu Bongailas staqsa il-'Flood Lights' tal-lokal taħt min jaqaw

Is-Seg.Eżek. spjegat illi s'issa għadhom jaqgħu taħt l-Enemalta pero' ser tkun qed tintela applikazzjoni biex dawn jibdew jaqgħu taħt il-Kunsill u b'hekk il-ħsarat fuqhom ser ikun qiegħed jagħmilhom il-kuntrattur tad-dawl tal-Kunsill stess.

**Ċ.** Is-Sur Pawlu Bongailas, talab lis-Seg.Eżek. tibgħat ittra formali ta' ringrazzjament f'isem il-Kunsill liż-żewġ Każini tal-Baned wara li dawn

żammew il-kelma u żarmaw ħafna mill-armar malajr wara l-festa, avolja għandhom nuqqas ta' volontarji li jagħmlu dan ix-xogħol.

D Is-Sur Pawlu Bongailas issuġerixxa l-Kunsill li jinżebgħu l-bankijiet ta' Pjazza Sagra Familja, Misraħ Arċ.Gonzi u Triq Marina, b'żebgħa kulurita bħal ma qed isir fl-lokalitajiet oħra.

Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment. Is-Seg.Eżek ser tkun qed tiċċekja l-kuluri eżatt kif ukoll jekk bħala Kunsill iridx xi approvazzjoni speċjali minn xi Dipartiment tal-Gvern

E. Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq illi hemm bżonn li l-Kunsill jieħu pożizzjoni fuq l-iskips u l-ħmieġ iġġenerat mill-ħwienet tax-Xatt wara ħafna lmenti u pubblikazzjonijiet fuq 'Facebook' fuq din il-kwistjoni.

Huwa enfasizza illi la darba l-ħwienet mhux qed jimxu mal-kundizzjonijiet li l-Kunsill għamillhom biex fil-verita ikun qiegħed jgħinhom għandhom jitneħħew l-iskips tax-Xatt u kull ħanut ikollu il-kollettur tiegħu privat kif inhu suppost bil-liġi.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din il-kwistjoni trid tiġi infurzata mill-aktar fiss possibli. L-istess Kunsill kellu diżgwit fuq il-fatt jekk hux l-infurzar għandu jsir għal ħwienet tax-Xatt biss jew inkella għal kull ħanut fil-lokal.

Is-Sindku saħqet illi mhux sew illi ħwienet bħal 'hairderesser' / 'stationeries' li ma jiġġenerawx skart bħal ħwienet tal-ikel ser ikunu obbligati iħallsu għal kolletur privat. Hija saħqet illi ser tkun qed tiċċekja għal affarijiet tagħha xi tgħid il-liġi fuq il-ħwienet in ġenerali qabel ma tiġi meħuda azzjoni fuq il-punt.

## Is-Sur Vince  Bongailas -  Kunsillier

A Is-Sur Vince Bongailas talab jintbgħat rapport formali lis-Sanita fuq il-problema ta' ġrieden li hemm ix-Xatt speċjalment fejn il-bandli.

Is-Seg.Eżek. ikkonfermat li r-rapport kien diġa sar fuq dan ir-rigward. Hija qalet ukoll illi tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu illi fil-viċinanzi hemm kamra tad-dranaġġ kif ukoll il-ħmieg li qed jitħalla ix-Xatt fejn l-iskips mhux qed jgħin xejn biex titnaqqas il-problem tal-ġrieden.

b. Is-Sur Vince Bongailas talab illi l-Pulizija għandhom ikunu mgħarrfa bl-abbużi li qed isiru fejn il-Bajja ta' Rnella li jinkludu drogi storbju u ħmieġ.

C Is-Sur Vince Bongailas talab li jiżdiedu aktar 'Doggy bins' fil-lokal kif diġa ġie deċiż fis-Seduta preċedenti biż-żieda fl-inħawi oħra biex b'hekk il-lokal ikun kważi kopert kollhu b'dawn il-'bins' :

- Married quarters
- Rnella Housing Estate

## 10.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

10.5.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 9.17 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 10.6 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 10.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

10.7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar it-Tlieta 29 ta' Awwissu 2017 fl-4:00 p.m.

Konfermati, illum il-Hamis 27 ta' Lulju, 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Speranza Chircop<br>Sindku | Elaine Caruana<br>Segretarju Eżekuttiv |